MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2015

Numru 422/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank A. Tabone)**

**v.**

**Emanuel Stellini**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Emanuel Stellini, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 792150G, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Nhar is-17 ta' Settembru, 2013 jew fil-jiem ta' qabel bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu qabbad lil Joseph Bugeja biex jidħol fl-għalqa detenuta u maħduma mill-kwerelanti konsistenti f'żewġt iħbula mir-raba f'Qasam San Ġorġ fil-limiti tar-Rabat ta' Santa Luċija, Kerċem, Għawdex ta' kejl superfiċjali ta' ftit inqas minn tomnejn u ħarat l-imsemmija għalqa.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 377(5) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex tassigura li l-persuna li għamlet l-ispoll tqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mgħotija fis-7 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Emanuel Stellini ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' mitt Ewro (€100.00) iżda fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tapplika l-Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ċaħdet it-talba stante li minħabba l-mertu tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat m'huwiex possibbli jiġi applikat dan l-artikolu.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Emanuel Stellini, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru, 2014, fejn l-appellant talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija u tilliberah mill-akkuża kif dedotta kontra tiegħu.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet mill-ġdid ix-xhieda kollha prodotti fl-ewwel istanza, u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti fil-qosor in kwantu relevanti ghall-finijiet ta' dan l-appell huma s-segwenti.

**6.** Carmen Bugeja[1] u żewġha Angelo Bugeja[2] kienu jaħdmu r-raba' ta' Berrini, Santa Luċija, fil-qasam ta' San Ġorġ, limiti ta' Kerċem, Għawdex. Ir-raba' kien jikkonsisti f'żewg egħlieqi fuq xulxin ta' kważi tomnejn[3] u kien miżmum bi qbiela minn missierhom li kien iħallas il-qbiela lil ċertu Marċell Mizzi li floku daħal Anton Mizzi. Hija tgħid li kienet tmur tgħin lil missierha jiżra' l-patata fl-għalqa u missierha wegħdhom li meta' jiżżewwġu jagħtihom l-għalqa u hekk għamel meta żżewġu fl-1982. L-għalqa tahielhom bil-kliem u mhux b'xi kuntratt u qalilhom sabiex jibdew jaħdmuha biex ikollom il-patata, tadam u ful għall-ħajja miżżewwġa. Huma bdew jaħdmuha u komplew jaħdmuha sakemm fis-17 ta' Settembru 2013 marru ġol-għalqa u sabuha maħruta. L-għalqa ġiet

[1] Depożizzjoni fol. 56-74
[2] Depożizzjoni fol. 75-88
[3] Fol 75

maħruta minn ċertu Joseph Bugeja fuq struzzjonijiet tal-imputat. Meta l-art bdew jaħdmuha l-konjugi Bugeja huma kienu jagħtu lil missierha mill-prodott tal-għelieqi. Missierha miet fl-1998 u Bugeja bdiet tħallas il-qbiela lil ommha peress li lilha ma kienux jagħtuha prodott tar-raba' bħal ma kienu jagħtu lil missierha. Kienet ommha li bil-flus tal-qbiela li kienet tirċievi mingħand Bugeja kienet tmur għand is-sid Marċell Mizzi.

**7.** Hija tgħid li ma tafx jekk ir-raba' kienx mqabbel lill-imputat ħuha li kien joqgħod mal-ġenituri tagħhom iżda lilha ħadd qatt ma qallha toħroġ mill-għalqa u kienu kuntenti bil-preżenza tagħha fl-għalqa u l-inkwiet inqala biss wara li mietet ommha wkoll. Bugeja tgħid li meta miet missierha saret laqgħa tal-familja kollha u peress li ħutha kollha kellhom ir-raba' tagħhom l-imputat kien stqarr li huwa raba' ma ried xejn u qallhom jieħdu kollox. Bugeja tgħid li ħuha l-imputat qatt ma ħadem f'għalqa u qatt ma daħal f'għalqa[4]

**8.** Fid-29 ta' Awwissu 2013 intbagħtet ittra għan-nom tal-appellant lill-imsemmija Carmen Bugeja li fiha jingħad li "peress illi nqast mill-ftehim illi kien hemm bejnietkom" l-appellant kien ser jerġa jieħu f'idejh ir-raba li jinsab f'Qasam San Ġorġ u li għalhekk hija ma kellhiex tidħol aktar fiha għaliex altrimenti l-appellant kien ser jipproċedi kontra tagħha ulterjorment skont il-liġi (Dok. ES2, fol. 27).

**9.** L-imputat Emanuel Stellini xehed quddiem din il-Qorti[5] li xi għaxar snin qabel miet missieru dan ħadu għand Marċell Mizzi u talbu jdawwar ir-raba' li kien hemm fuqu fuq ibnu Manuel Stellini biex ikun jista' jaħdmu hu u Mizzi aċċetta dan u beda joħroġ ir-riċevuti tal-qbiela tar-raba' fuqu u ċioè fuq l-imputat. Fir-riċevuti ir-raba' in kwistjoni hu msejjah in parti "ta' Berrini" u in parti "tar-Ragramas" iżda ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li dan hu r-raba li l-konjugi Bugeja jgħidu li kien ingħata lilhom biex jinħadem minnhom. Wara li mietu l-ġenituri tal-imputat saret kawża ta' diviżjoni li damet diversi snin iżda meta ġew għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża Carmen Bugeja ma rieditx tħallas sehemha mill-ispejjeż. Kien minħabba dan ir-rifjut li l-imputat qallha li kif,

---

[4] Fol. 72
[5] Fol 98-110

allegatament, kien ilu jinsisti magħha, huwa ried jibda jaħdem ir-raba' hu. Huwa jżid jgħid li meta ġew ħutu mill-Awstralja wara l-mewt tal-ġenituri tiegħu dawn bdew isaqsu x'kien ser jiġri darba li r-raba' kien fuq ismu u huwa weġibhom li dak li kien ser isir kien li l-konjuġi Bugeja kienu ser ikomplu jaħdmu r-raba' bi pjaċir, li kien ser itihom pjaċir hu li jaħdmuh b'dan li meta jkun iridu kienu jaghtuhulu. Huwa jgħid li informa b'dan lill-konjugi Bugeja[6]

**10.** L-imputat jgħid li għalkemm il-konjuġi Bugeja kienu jaħdmu r-raba' in kwistjoni dan ma kienux jagħmluh il-ħin kollu iżda biss "*on and off*" meta kellu pjaċir hu u dan kien jiġri biss darba fis-sena u huwa kien jgħidilhom iva jew le. Jgħid ukoll li huwa wkoll kien jaħdem l-istess raba' permezz ta' ħaddieħor imqabbad minnu. Huwa jgħid li meta oħtu rrifjutat tħallas sehemha mill-ispejjeż tal-kawża huwa qallha biex ma titolbux pjaċiri iżjed biex taħdem ir-raba' u "ridt nibda naħdimha jien" u "bdejt naħdimha jien". Mistoqsi għal x'hix kienet tirreferi l-ittra tal-avukat tiegħu lill-oħtu fejn l-ittra tgħid li "nqast mill-ftehim li kien hemm" huwa wieġeb li dan kien għaliex oħtu kienet naqset mir-rispett lejn ommhom.

**11.** L-aggravju tal-appellant jikkonsisti essenzjalment fl-allegazzjoni li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-portata tal-elementi tar-reat *de quo* u ċioè dak ta' l-hekk msejjah *ragion fattasi* kif ukoll tal-provi prodotti u b'hekk waslet erronjament biex issib lill-appellant ħati tar-reat addebitat lilu.

**Ikkunsidrat**

**12.** Huwa ormai ben reċepit fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna li l-elementi tar-reat hekk msejjaħ ta' *raggion fattasi* jikkonsistu fi (1) att estern li jippriva lil ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun eżegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-ħadd ieħor; (2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżercizzju ta' dritt; (3) il-koxxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorità pubblika u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

[6] Fol 101

**13.** In kwantu għall-ewwel element, l-appellant, għalkemm jikkonċedi li anki l-mera detenzjoni hi mħarsa bl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, isostni d-detenzjoni li kellhom il-konjugi Bugeja kienet b'mera tolleranza u peress li f'dan i-każ ma hemm l-ebda dritt li jista' jiġi kawtelat allura t-tgawdija b'tolleranza mhix koperta bl-artikolu msemmi. L-appellant jidher li dan qiegħed isostnih fuq l-iskorta tal-ewwel element kif miġjub minnu fir-rikors tal-appell u ċioe "att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi...".

**14.** Jibda biex jingħad li għalkemm hu minnu li hemm ċerti sentenzi li jiċċitaw dan l-element bħala "att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi" is-sentenzi l-aktar preċiżi huma dawk li l-ewwel element iġibuh bħala "att estern li jippriva lil haddiehor minn ħaġa li huwa jkollu (jew, "li jkun qieghed igawdi")[7]. Il-ġurista Carrara li invariabilment jiġi ċitat bħala l-pedament awtorevoli ta' l-erba elementi tar-reat ta' *raġion fattasi* diversi drabi riaffermati fil-ġurisprudenza tagħna wkoll jesponi dan l-ewwel element bħala "un atto esterno che spogli altri di un *bene che gode* ..." (il-korsiv huwa dak fit-test oriġinali)[8]. Il-Carrara imbgħad jispjega dan l-element billi jgħid li "Chi e' nell' attuale godimento di un bene e *continua* a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perchè la legge protegge lo *statu quo*, il quale non può variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorità giudiciale."[9] (korsiv fit-test oriġinali).

**15.** Barra minn hekk, din il-Qorti ma għandha ebda dubbju li l-pussess li kienu jgawdu l-konjugi Bugeja ma kienx wieħed li jista' jitqies bħala b'tolleranza. Il-Qorti tagħti affidament sħih lix-xiehda tal-konjugi Bugeja dwar kif waslu biex ikollhom il-pussess tal-art in kwistjoni li kellhom igawduha u jaħdmuha ad esklużjoni ta' ħaddieħor u mingħajr il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni ta' ħadd, u li di fatti kienu hekk qiegħdin igawduha u jaħdmuha sakemm l-imputat arbitrarjament inkariga lil ħaddieħor biex jaħrat l-art imsemmija. Di fatti, fl-ittra

---

[7] Ara App. Inf. P v Giuseppe Bonavia et., 14/10/1944, XXXII.iv.768; P v Guido Attard, 18/6/2001; P v Joseph Bongailas, 22/10/2001; P v Mario Bezzina, 26/5/2004; P v Michael Lungaro et, 15/5/2003; Sinjifikanti l-fatt li fis-sentenza P v Eileen Said (19/6/2002) fejn l-ewwel element tagħtih bħala "att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi" tiċċita in sostenn proprju s-sentenza P v Giuseppe Bonavia li titkellem dwar "att estern li jippriva lil ħadd ieħor minn xi ħaġa li jkollu..."

[8] Carrara Francesco, Programma, Parte Speciale, Vol. V § 2850, ottava edizione, Firenze, Casa Editrice Libraria "Fratelli Cammelli", 1905

[9] *Ibid*, § 2851

li intbagħtet lil oħtu Carmen Bugeja mill-avukat tal-appellant jingħad li "nirreferi għall-okkupazzjoni tagħkom tar-raba' li tinsab f'Qasam San Ġorġ" u li minħabba li Carmen Bugeja kienet naqset mill-ftehim li kellhom, l-appellant kien ser "jerġa jieħu f'idejh din ir-raba'", indikazzjoni biżżejjed elokwenti li r-raba' ma kienx f'idejh, minkejja l-impressjoni kuntrarju li pprova jagħti fix-xiehda tiegħu quddiem din il-Qorti. Di fatti, anki fl-istess xiehda huwa stqarr li meta oħtu rrifjutat tħallas sehmha mill-ispejjeż tal-kawża ta' diviżjoni huwa qallha li "jien ir-raba' rrid <u>nibda</u> naħdmu jiena"[10] (sottolinear tal-Qorti). Jidher biżżejjed ċar, anki mid-depożizzjoni tal-appellant stess, li r-raġuni vera għaliex l-appellant f'salt wieħed beda jinsisti li l-arti jaħdimha hu ma kienetx għaliex il-konjuġi Bugeja kien hemm xi ftehim magħhom li jaħdmu l-art bit-tolleranza tiegħu, jew għaliex il-konjuġi Bugeja naqsu mir-rispett lejn ommu[11], iżda ghaliex oħtu Carmen Buġeja kienet irrifjutat milli tħallas l-ispejjeż tal-kawża ta' diviżjoni.

**16.** L-appellant jgħid li anki t-tielet element, u ċioè il-koxxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorità pubblika, jew, kif jgħid fl-appell tiegħu "ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali", ma jirriżultax u dan peress li, għall-korrispondenza tal-avukat, Carmen Bugeja għażlet li ma twieġeb xejn u għalhekk l-appellant ma kellu xejn aktar x'jagħmel ħlief jidħol fi ħwejjġu tenut kont li ma hemm l-ebda att li jsir permezz ta' l-awtorità pubblika meta xi ħadd ikun qiegħed igawdi ħaġa bi pjaċir. Dan l-aggravju huwa insostenibbli għaliex fl-ewwel lok il-Qorti ġia sabet li ma rriżultax li l-konjuġi Bugeja kienu qiegħdin jaħdmu l-art in kwistjoni bit-tolleranza tal-appellant, il-fatt li ma kienx hemm tweġiba minn Buġeja għall-ittra tal-avukat tal-appellant assolutament ma jfissirx li Bugeja kienu qiegħdin jaqblu ma' dak li kitbilhom l-avukat jew li b'hekk kienu qiegħdin jagħtu l-kunsens tagħhom li l-appellant jaqbad u jidħol u jaħrat ir-raba' in kwistjoni, apparti li dak allegat f'dan l-aggravju xejn ma hu konsistenti mal-pożizzjoni meħuda fl-ittra imsemmija fis-sens li l-appellant kien ser ikun "ristrett (kostrett) illi jipproċedi (kontra Carmen Bugeja) ulterjorment skont il-liġi u dan biex jissalvagwardja l-interessi tiegħu". Minflok l-appellant

[10] Fol. 100
[11] Fol. 109

pproċeda skont il-liġi kif stqarr li ser jagħmel huwa għażel li jieħu triq akkorċjata iżda kontra l-liġi.

**17.** Fid-dawl tal-premess jirriżulta li l-elementi kollha tar-reat li bih ġie imputat l-appellant ġew ampjament provati skont il-liġi u għalhekk il-Qorti ser tikkonferma s-sentenza appellata.

Għall-motivi premessi, l-Qorti tiċħad l-appell ta’ Emanuel Stellini u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------